**1 ta' Marzu, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Rita Mamo

*versus*

Albert Mizzi *noe*

**Danni – Korriment – Korriment Industrijali**

*Kawża fejn l-attriċi littxet u rebħet danni għal korriment fuq ix-xogħol li wassal għal inkapaċità permanenti parzjali tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-attriċi qalet li hija kienet impjegata mad-

ditta konvenuta u tagħmel xogħol fuq il-magna, u li fil-kors tax-xogħol tagħha korriet u bħala riżultat sofriet ġrieħi ta' natura permanenti kif jirriżulta miċ-ċertifikat unit maċ-ċitazzjoni, li dak li ġara kien attribwibbli għal nuqqas ta' ħsieb, imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tad-dmirijiet impost mil-liġi da parti tad-ditta konvenuta, u li l-konvenut *nomine,* għalkemm interpellat b'ittra bonarja u anke b'ittra uffiċjali biex jagħmel tajjeb għad-danni li sofriet l-attriċi, baqa' inadempjenti u talbet li l-istess konvenut li fih korriet l-attriċi u għad-danni li hija sofriet u għad tista' ssofri bħala konsegwenza ta' dana l-inċident u tal-feriti li sofriet: (2) li jiġu likwidati d-danni sofferti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nnominati; u (3) il-konvenut *nomine* jiġi kkundannat li jħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa li d-domandi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-attriċi ma sofriet l-ebda ferita waqt li kienet fuq ix-xogħol mad-ditta konvenuta, u dak li seta' ġara lill-attriċi ma kienx dovut għal xi nuqqas da parti ta' l-eċċipjenti *nomine;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' April 1985 li biha laqgħet t-talbiet attriċi u għalhekk (1) iddikjarat lill-konvenut *nomine* unikament responsabbli għall-inċident li fih korriet l-attriċi u għalhekk anke għad-danni konsegwenzjali (2) illikwidat d-danni kollha sofferti mill-attriċi fl-ammont ta' Lm4000 u (3) konsegwentement ikkundannat lill-konvenut *nomine* iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm4000 in linea ta' danni għar-raġunijiet kollha msemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż, u dana wara li kkunsidrat illi:

"B'digriet tagħha tat-3 ta' Awissu 1981 dik il-Qorti

nnominat lill-Avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet. Ir-relazzjoni ġiet debitament ippreżentata mill-istess fis-7 ta' Jannar 1985 u sussegwentement maħlufa minnu. Fil-fehma tiegħu l-perit legali li l-każ in kwistjoni jinkwadra ruħu fl-ipotesi pprospettata fil-paragrafu 38(e) fl-istess relazzjoni. Dan il-paragrafu jipprospetta l-każ li fuq ix-xogħol ikun hemm tip ta' xogħol u ċerti sistemi u anke nuqqas ta' preċiżazzjoni ta' affarijiet, ċertu stat ta' ċirkostanzi li jwasslu għall-korriment tal-ħaddiema b'responsabbilità ta' l-*employer*. Fil-fatt huwa addebita dak li soffriet f'idha u spallitha, l-attriċi għat-tiġbid fid-drapp u/jew qliezet li kienu jgħaddu minn idha waqt ix-xogħol tal-ħjata li kienet tagħmel. Huwa llikwida d-danni sofferti mill-istess attriċi fl-ammont ta' Lm4000'';

''Din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet peritali u għalhekk qiegħda tadottahom u tagħmilhom tagħha, u qiegħda tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fl-istess somma ta' Lm4000'';

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-8 ta' Mejju 1985;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut *nomine* ppreżentata fl-24 ta' Mejju 1985 li biha għar-raġunijiet minnu esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija mogħtija fit-30 ta' April 1985 u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attriċi;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attriċi ppreżentata fit-18 ta' Ġunju 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant *nomine* qiegħed jissottometti bħala aggravju kontra s-sentenza appellata illi l-attriċi ma korrietx fuq ix-xogħol imma se mai korriet minħabba x-xogħol u huwa m'għandux jiġi tenut responsabbli għal dan;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi u tasal għall-konklużjoni li dawn juru li l-attriċi korriet mhux biss minħabba x-xogħol iżda anke fuq ix-xogħol. Infatti l-attriċi, mhux kontradetta, tiddeskrivi b'mod l-aktar ċar kif u meta korriet. Skond hi, l-inċident ġara fil-ħin ta' l-*overtime,* jiġifieri bejn l-4.30 p.m. u s-6.30 p.m.;

*Omissis;*

Il-konvenut appellant *nomine* qiegħed jissottometti li l-attriċi ma korrietx minħabba xi inċident tax-xogħol dovut, per eżempju, għan-nuqqas ta' *"safety devices".* Dan huwa veru iżda jirriżulta ampjament li l-attriċi korriet minħabba n-natura tax-xogħol li hija kienet qed tiġi mogħtija li tagħmel, liema xogħol kien jinvolvi ġbid ripetut, għal ħafna *sigħat, ta' drapp* għar-raġunijiet riżultanti mix-xhieda;

Il-konvenut appellant qiegħed donnu jissuġġerixxi li dak li ġara kien dovut għall-kostituzzjoni dgħajfa ta' l-attriċi li bħala konsegwenza sofriet f'saħħitha mit-tip tax-xogħol li daħlet għalih. Apparti l-fatt li ma ġie ppruvat bl-ebda mod li l-attriċi kellha xi kostituzzjoni dgħajfa, il-Qorti hija sodisfatta li jirriżulta li kien hemm impjegati oħra *fl-istess fabbrika li kienu jbatu minn uġigħ* f'idejhom, liema ċirkostanza, fil-fehma tal-Qorti, tkompli teskludi

li dak li ġara lill-attriċi kien dovut għal xi kostituzzjoni dgħajfa tagħha;

Iċ-ċirkostanza li ssemmi x-xhud Josephine Ghigo li kienet taħdem ma' l-attriċi li kienu jorbtu jdejhom bil-faxex u li hija ammessa wkoll mill-*Production Manager* Lilian Grima li tgħid li "ġielu talbu faxex, min jitlobna faxxa ntuhielu bla *'questioning'* għal fejn "tkompli turi li l-ilment ta' l-attriċi ma kienx limitat" għaliha iżda kien hemm impjegati oħra li kienu jbatu b'uġigħ f'idejhom. Din iċ-ċirkostanza tkompli tikkonferma illi l-attriċi ġralha dak li ġralha mhux minħabba xi kostituzzjoni dgħajfa tagħha iżda minħabba n-natura tax-xogħol tagħha;

Il-konvenut appellant *nomine* qiegħed ukoll jissottometti li l-attriċi ma misshiex kompliet taħdem fuq ix-xogħol jekk dana setgħat tagħmlu biss bi tbatija jew anke b'perikolu għal saħħitha. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li jirriżulta minn eżami akkurat tad-deposizzjoni ta' l-attriċi li t-tabib tagħha privat Dr Zammit kien qalilha biex tħalli idha nfaxxata u ma tmiss xejn għax anke karta kienet tista' taffettwala idha. Meta wara erba' ġimgħat *'sick leave'* daħlet għax-xogħol, lill-*Floor Manageress* tal-fabbrika qaltilha li ma setgħetx tkompli fuq il-magna li kienet taħdem fuqha u fil-fatt dina qaltilha li kienet se tipprova tevitalha x-xogħol tal-ġbid u għal perijodu bdiet tagħmel il-bwiet ta' quddiem li kien xogħol ta' bla strapazz. Meta għamlet dan ix-xogħol idejha kienet mhux ħażin. Wara ħmistax-il ġurnata reġgħu bagħtuha fuq l-*"overlock"* għax kien hemm ħafna xogħolu wara reġgħu bagħtuha fuq is-*"seatseam"*, li kien it-tip ta' xogħol li fuqu kienet ħasset f'salt wieħed għall-ewwel darba l-uġigħ f'idejha x-xellugija minn ġewwa. Hemmhekk reġgħet bdiet tħoss l-uġigħ f'idejha u dana wara xi xahrejn jew tliet xhur. Reġgħet marret *"on sick leave"* u qegħdet idha fil-ġibs. Wara reġgħet marret għax-xogħol

u tawha xogħol ta' *"repair girl"*. Fil-bidu kienet mhux ħażin iżda mbagħad minħabba l-irfigħ *tal-jeans* reġgħet ħasset l-uġigħ u dana aktar minn qabel. It-tabib tagħha privat qallha li jekk ma jbiddlulhiex ix-xogħol tieqaf minnufih għax kull mument iżjed kien jaffettwalha idha. Billi l-konvenut *nomine* ma kellux xogħol ieħor x'jagħtiha, l-attriċi waqfet mix-xogħol. Hija spiċċat b'idejha fil-ġibs għal darb'oħra u wara kellha wkoll tagħmel operazzjoni;

Jidher mill-imsemmija deposizzjoni ta' l-attriċi li meta rritornat għax-xogħol l-ewwel darba, wara xi żmien fuq xogħol ieħor li fih kienet mhux ħażin, reġgħet intbagħtet mill-konvenut *nomine* fuq ix-xogħol tas-*"seatseam"*, li kien jinvolvi ħafna ġbid u li fuqu kienet korriet kif fuq ingħad, bil-konsegwenza li hija reġgħet bdiet bl-uġigħ. Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut dan *ix-xogħol li fuqu kien jaf li hija kienet korriet*. Il-Qorti ma tarax però li tista' takkolla lill-attriċi xi ħtija għaliex aċċettat l-imsemmi xogħol. Għalkemm dana seta' kkawżalha *"further overstrain to the wrist"* (ara ċertifikat mediku – fol. 4), il-Qorti ma tarax li tista' tgħid li ġie ppruvat li dana żidilha l-grad ta' diżabilità tagħha (15%), li kien dovut għal: *"a torn triangular fibrocartilage of the inferior radioulnar joint"* (ara l-imsemmi ċertifika – Dok. A fol. 4);

Kwantu mbagħad għal-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti, ikkunsidrata l-età pjuttost żgħira ta' l-attriċi meta ġara l-inċident kif ukoll ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom anke li l-attriċi hija llum mara miżżewġa u għandha tarbija, ma tarax li l-*multiplier* ta' għoxrin sena u l-*average weekly wage* ta' Lm35 huma b'xi mod eċċessivi u għalhekk taqbel mas-somma ta' Lm4000 issuġġerita bħala danni mill-perit legali u abbraċċjata mill-ewwel Qorti minħabba l-15% inkapaċità permanenti li l-

attriċi qiegħda ssofri minnha;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-konvenut appellant *nomine*.